# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.4

## Kap 4: Il-paċi sabiħa

## Lezzjoni 4.4: Jien nirrispetta dak li temmen int!

### L-Għanijiet:



**It-tfal:**

1. Jagħrfu li fid-dinja jeżistu reliġjonijiet oħra barra r-reliġjon Nisranija.
2. Jitgħallmu dwar xi fatti interessanti f'reliġjonijiet oħra.
3. Jitgħallmu dwar kif il-maħfra tiġi ċċelebrata f'reliġjonijiet u kulturi oħra.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- preżentazzjonijiet dwar reliġjonijiet differenti – Ir-Reliġjon
- Karta ta' Taħriġ: 4.3
- video tad-diska Hello to all the children of the world

  https://www.youtube.com/watch?v=GpTR1wF4M6k



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mil-lezzjoni preċedenti.
- Fakkar fl-imġiba tajba li għandna naħdmu biex ikollna jekk irridu nħallu l-ambjent tagħna sabiħ.



- Uri l-kelma *Ir-Reliġjon* fuq l-IWB.
- Staqsi lit-tfal fiex jaħsbu malli jaraw din il-kelma.
- Staqsi lit-tfal jekk jaħsbux li kulħadd iħaddan l-istess reliġjon.
- Ħeġġeġ lit-tfal biex jipparteċipaw fid-diskussjoni ħalli tara x'jafu dwar dan is-suġġett.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri l-powerpoint u spjega l-informazzjoni mogħtija. Din l-informazzjoni qed tingħata BISS biex it-tfal jiġu konxji ta' nies oħrajn bi twemmin differenti minn tagħhom.

- Uri Bibbja u salib u staqsi x'inhuma. Spjega li dawn għandhom x'jaqsmu mal-Knisja Kattolika – post ta' talb u l-Kelma t'Alla għalina.

- Uri l-Koran u l-Moskea u spjega kif għall-Musulmani jużaw l- ktieb li għalihom hu qaddis u importanti ħafna li jissejjaħ il-Koran. Dan il-ktieb it-tfal jitgħallmuh u jgħixuh. Huma jitolbu ġo Moskea.

- Uri t-Torah u s-sinagoga u spjega kif, għal-Lhud, it-Torah huwa l-Ktieb li fuqu jimxu u s-sinagoga jattendu fiha għat-talb tagħhom.

- Fakkar li kulħadd għandu jirrispetta lil kulħadd għax kif huma jridu jaċċettaw u jirrispettaw dak li nemmnu aħna, hekk aħna rridu napprezzaw u nirrispetaw dak kollu li jemmnu huma.

- Erġa' uri s-simboli ta' dawn ir-reliġjonijiet u staqsi lit-tfal jgħidulek x'ifissru għal dawn il-persuni li jemmnu dawn is-simboli.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.3 u spjega s-silta mogħtija.

- Iddiskuti, fuq bażi ta' klassi, Attività 1 u ħalli lil kulħadd ikollu mniżżlin ir-risposti t-tajbin.
  Ir-risposti: Fundatur Islam – Profeta Mohammed
  Reliġjon tal-Islam – miktuba fil-Koran
  Lhud jaqraw il-kelma t'Alla għalihom fit-Torah
  L-Insara jsibu l-kelma t'Alla fil-Bibbja.

- Spjega t-tpinġija f'Attività 2.

- Iddiskuti Attività 3 u spjega l-importanza tar-rispett lejn kulħadd u anke lejn dawk li jemmnu differenti minna.

- Agħlaq il-lezzjonijiet billi t-tfal jisimgħu l-kanzunetta: Hello we are the children of the World.




**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Fid-dinja jeżistu diversi reliġjonijiet differenti.
2. Il-Fundatur tal-Islam huwa l-Profeta Mohammed.
3. L-Insara jaqraw il-Kelma t'Alla mill-Bibbja
4. Jien nista' nitgħallem xi ħaġa minn kull reliġjon għax kull reliġjon fiha t-tajjeb tagħha.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jirrispettaw lin-nies ta' reliġjon u kulturi differenti.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta Hello to all the children of the world u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



## Nitolbu

O Mulej, agħmel li nies ta' kulturi u reliġjonijiet differenti jkunu kapaċi jgħixu flimkien fil-paċi.

